**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 10 TA' DIĊEMBRU 2020**

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 1645/2020 fl-ismijiet:-**

**Owen Borg**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Owen Borg [aktar 'l isfel imsejjah "ir-Rikorrent"] tat-23 ta' Novembru 2020 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talab lill-Qorti tinibixxi lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann [aktar 'l isfel imsejjah "il-Kunsill"] milli:-

(1) jikkancella, iwarrab u/jew b'xi mod ma jissoktax bil-process tal-ghoti tat-tender SGN-SSCS 01/20, "for the street sweeping and cleaning services in the locallity of San Gwann using environmentally friendly practices", jew b'xi mod jagixxi bi kwalunkwe mod biex jew b'rizultat illi idur ma' u/jew jittenta jgib fix-xejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet "Owen Borg vs Kunsill Lokali San Gwann et" (appell nru 265/20), jew jippermettu illi jsir dan;

(2) jaghti, jiffirma, jilhaq ftehim, jesegwixxi u/jew jissokta bi kwalunkwe process, inkluz *direct order*, sejha ghal stajjem, sejha ghall-offerti, sejha ghal tender jew xi process iehor ta' public procurement ghal street sweeping and cleaning services gewwa l-lokalita' ta' San Gwann, jew jiffirma xi kuntratti dwar l-istess, jew jippermettu li jsir dan;

Rat ir-risposta tal-Kunsill tat-3 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed jopponi ghar-rikors tat-23 ta' Novembru 2020.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru 2020 li permezz tieghu laqghet provvizorjament il-hrug tal-mandat mitlub u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-3 ta' Dicembru 2020.

Semghat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2020.

Rat l-atti.

Rat illi r-rikors thalla ghal digriet kamerali.

Ikkonsidrat.

**Fatti antecedenti dawn il-proceduri**.

Il-Kunsill kien hareg sejha ghall-offerti (SGN-SSCS01/20) "for the street sweeping and cleaning services in the locality of San Gwann using environmentally friendly practices". Fost id-diversi offerenti kien hemm ir-Rikorrent u konsorzju bl-isem Galea Cleaning Solutions JV [aktar 'l isfel imsjjah "il-Konsorzju"]. Il-kumitat ta' evalwazzjoni kien laqa' l-offerta tal-Konsorzju; ir-Rikorrent kien appella minn dik id-decizzjoni quddiem il-Public Contracts Review Board liema appell gie michud. Sussegwentent ir-Rikorrent appella mid-decizzjoni tal-Public Contracts Review Board quddiem il-Qorti tal-Appell. B'sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet "Owen Borg vs Kunsill Lokali San Gwann (bhala "Contracting Authority") u Galea Cleaning Solutions JV (bhala "preferred bidder") il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tar-Rikorrent; iddikjarat illi l-offerta tal-Konsorzju kellha tigi skwalifikata; hassret u rrevokat id-decizzjoni li ha l-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici tal-20 ta' Lulju 2020 u irrevokat id-decizzjoni li ha l-Kunsill fit-28 ta' Mejju 2020 li jaghti l-kuntratt lill-Konsorzju.

Sussegwentement f'laqgha tad-19 ta' Ottubru 2020 il-Kunsill iddecieda li in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija jerga' johrog sejha pubblika gdid. Iddecieda wkoll fl-istess laqgha illi sakemm jispicca l-process tas-sejha pubblika gdida dwar it-tindif tat-toroq il-Kunsill kien ser jitlob tliet kwotazzjonijiet sabiex il-lokalita' jkollha servizz ta' emergenza ta' tindif tat-toroq bil-kondizzjoni illi "Dawn it-tliet kwotazzjonijiet ma jkunux minn kuntratturi li qed jahdmu bhalissa."

Fit-23 ta' Novembru 2020 ir-Rikorrent intavola r-rikors promotur ghall-hrug ta' mandat ta' inibizjoni mertu tal-proceduri odjerni.

Ikkonsidrat;

**Is-Sejha ghall-Offerti SGN-SSCS 01/20**.

Ir-Rikorrent jikkontendi illi tenut kont li l-offerta tal-Konsorzju giet skwalifikata b'decizjoni tal-Qorti tal-Appell u tenut kont li l-Qorti tal-Appell hassret sew id-decizzjoni tal-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Publici kif ukoll id-decizzjoni tal-Kunsill li jaghti l-kuntratt lill-Konsorzju gew imhassra, il-Kunsill kien fid-dover illi jkompli l-process tal-ghazla tal-ahjar offerta fost dawk l-offerti illi ma humiex skwalifikati.

Il-Kunsill mill-banda l-ohra issottometta illi una volta l-Qorti tal-Appell hassret, irrevokat u annullat id-decizzjoni li ha l-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici fl-20 ta' Lulju 2020 kif ukoll irrevokat u annullat id-decizzjoni tal-Kunsill Lokali tat-28 ta' Mejju 2020 allura "..... mhux il-kaz li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali kellu johrog tender gdid dan kien ser isir bi ksur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, kif bhal donnu r-rikorrent qieghed jghid". Il-Kunsill jissottometti wkoll illi "... jekk xejn huwa monk id-dritt pretiz tas-socjeta' Rikorrent [recte: rikorrent] illi trid tipprotegi u tissalvagwardja." Argument iehor imressaq mill-Kunsill fir-risposta tieghu huwa illi l-offerta tar-Rikorrent kienet taqbez il-budget allokat ghal din it-tender ta' €400,000.00.

Waqt it-trattazzjoni orali l-Kunsill issottometta ulterjorment illi imkien fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell ma ordnat li l-process tas-sejha tal-offerti in kwistjoni kellu jitkompla wara d-decizzjoni taghha. Ghalhekk il-Kunsill iqis li huwa liberu illi jibda process gdid ta' sejha ghall-offerti dwar l-istess servizz mertu tat-tender SGN-SSCS 01/20.

Ikkunsidrat;

**Elementi Mehtiega Sabiex il-Qorti Tilqa' Talba ghall-Hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra Kunsill Lokali.**

**Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12** jipprovdi illi:-

> “(3) Il-Qorti m’għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, ................"

Filwaqt li **Artikolu 115A**[1] **tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi illi:-

> "L-istat, għandu jadotta sistema ta’ gvern lokali li biha t-territorju ta’ Malta jinqasam f’dak l-għadd ta’ lokalitajiet hekk kif jista’ minn żmien għal żmien jiġi stabbilit b’liġi, b’dan li kull lokalità tkun amministrata minn Kunsill Lokali elett mir-residenti tal-lokalità u li jitwaqqaf u jitħaddem skont dik il-liġi li tista’ minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ."

Fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2020 il-Kunsill iddikjara li huwa kien u ghadu behsiebu li jaghmel dak li r-Rikorrent kien qed jitlob li jigi mwaqqaf milli jaghmel. Ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 873 (3) tal-Kap.12 il-Qorti ipprocediet bis-smiegh tar-rikors.

Ikkunsidrat;

In tema legali jinghad illi l-mandat ta' inibizzjoni mitlub mir-Rikorrent huwa wiehed generali mahsub taht l-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12. Dan il-mandat ghandu l-iskop li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tkun ta’ pregudizzju

[1] Artikolu miżjud fil-Kostituzzjoni permezz ta' Att XIII.2001.4

ghall-persuna li qed titlob il-mandat[2] u mhux sabiex jikkawtela xi kreditu pretiz.

Sabiex jinhareg dan it-tip ta' mandat, il-Qorti trid taccerta li jigu sodisfatti r-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi, specifikament dawk indikati taht l-**Artikolu 873 (2) tal-Kap.12** li jipprovdi s-segwenti:

> "(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Jehtieg ghalhekk li jigu sodisfatti zewg rekwiziti, li kif spjegat il-Qorti Civili, Prim'Awla fil-provvediment fl-atti ghar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Josephine Cutajar vs. Mark Vella** (Mandat Nru 501/2015) moghti fit-23 ta' April 2015:

> *"Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita."*

Ghaldaqstant ir-Rikorrent jrid jissodisfa zewg elementi sabiex jisthoqqlu jikseb il-hrug tal-mandat: (a) irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu, u (b) jkun jidher li għandu mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' Mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega ***oggettiva*** u mhux suggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-

[2] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.

14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-uzu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-legislatur ried li z-zewg elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser ghalhekk illi jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi jkun nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak. Tajjeb jinghad ukoll li l-procedura tal-mandat hija wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-mertu. Sabiex jirnexxu fit-talba taghhom ir-Rikorrent jridu juru mad-daqqa t'għajn li huma għandhom jedd.

Jekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi prima facie r-Rikorrent ghandu tali jedd, ikun mehtieg li l-Qorti tiddelibera dwar l-element tal-pregudizzju. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih huwa dak li, mingħajr il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-jedd li jista' jkollu ir-Rikorrent jintilef darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[3] B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li *'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'.* Il-pregudizzju li r-rikorrent jkun jrid iwaqqaf irid ikun wiehed li ma jkunx hemm rimedju iehor ghalih jekk mhux bil-hrug tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. Huwa ghalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali.[4]

Ghandu jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba

[3] **Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) degretat fis-27 ta' Diċembru 2017.
[4] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs. Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta' Settembru 1995.

ghall-hrug ta’ mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bhala tali ghall-finijiet oggettivi tal-ligi.

**Il-Jedd Pretiz mir-Rikorrent**.

Kif rajna huwa mehtieg fl-ewwel lok li l-Qorti tistharreg jekk mad-daqqa t'ghajn, *prima facie*, ir-Rikorrent ghandux il-jedd li qed jippretendi li ghandu, u dan minghajr naturalment pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li jistghu jitressqu f'kawza dwar il-mertu.

Dwar il-fatti li waslu ghall-dawn il-proceduri ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-kuntrast jinstab dwar jekk bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubriu 2020 fejn ir-Rikorrent inghata ragun li l-Konsorzju kellu jigi skwalifikat, il-Kunsill kienx ghadu marbut li jkompli l-ipprocessar tal-istess sejha ghall-offerti fost l-offerenti l-ohra kollha inkluz ir-Rikorrent, u eskluz il-Konsorzju - kif qed jikkontendi r-Rikorrenti; jew inkella jekk il-Kunsill hux liberu illi jabbanduna dak il-process ta' sejha ghall-offerti li dwaru ippronunzjat ruhha l-Qorti tal-Appell u jibda mill-gdid sejha gdida ghall-offerti dwar l-istess servizz.

Matul it-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti il-Kunsill issottometta illi kien liberu li jibda sejha ghall-offerti mill-qiegh peress li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha ma ordnatx lill-Kunsill sabiex ikompli bil-process tal-evalwazzjoni tal-offerti li ma gewx skwalifikati mill-Qorti tal-Appell. Il-Kunsill iqis illi r-Rikorrent ma ghandu l-ebda jedd x'jivvanta fir-rigward.

Ikkonsidrat;

**Sentenza tal-Qorti tal-Appell**.

Dwar id-dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell rigward process ta' sejha ghall-offerti il-Ligi Sussidjarja 601.03 tipprovdi kif gej;

**Regolament 284.**

"Kull parti li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell kif kostitwita skont l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoniu Proċedura Ċivili permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin jum kurrenti mid-data li fiha d-deċiżjoni ssir pubblika."

**Regolament 285.**

"Ir-rikors tal-appell għandu jkun indirizzat kontra l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-awtorità kontraenti, l-offerent rakkomandat, jekk ikun hemm, u kull parti oħra involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, li jistgħu jippreżentaw risposta bil-miktub fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika..........."

**Regolament 286**.

"(2)....................... **Sakemm id-deċiżjoni tal-Qorti tibqa' pendenti, il-proċess tas-sejħa għal offerti għandu jiġi sospiż.**

(3) Fid-deċiżjoni tagħha l-**Qorti għandha s-setgħa li thassar il-proċess tas-sejħa** jekk hija jidhirilha li din tkun l-aqwa soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ, b'dana li l-ebda parti ma jkollha jedd li titlob għad-danni minħabba tali deċiżjoni li tiġi mħassra s-sejħa" [sottolinear tal-Qorti].

Qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghandu jwassal lil kull min jaqraha illi l-Qorti tal-Appell ma hassritx il-process tas-sejha ghall-offerti in kwistjoni, ma iddikjaratx null il-process kollu tas-sejha ghall-offerti de quo izda biss skwalifikat l-offerta tal-Konsorzju. L-offerta tar-Rikorrent u l-offerti ta' offerenti ohra baqghu mhux mittiefsa bid-decizzjoni tal-Qorti tal-Appell. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienx mehtieg li l-Qorti tal-Appell tordna li jitkompla

l-process tal-evalwazzjoni tal-offerti l-ohra li ma gewx skwalifikati fl-ewwel lok ghaliex ma kelliex ghalfejn taghmel hekk. Huwa mill-aktar ovvju, u mhux biss prima facie, illi gialadarba l-Qorti tal-Appell skwalifikat wahda biss mill-offerti, allura l-process tas-sejha tal-offerti li gie sospiz bil-fatt li kien hemm appell pendenti kellu jitkompla una volta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma hassritx il-process tas-sejha ghall-offerti izda biss l-offerta tal-Konsorzju.

Kif rajna, il-Qorti tal-Appell ghandha l-poter illi fid-decizzjoni taghha thassar il-process kollu ghas-sejha ghall-offerti, izda huwa car daqs il-kristall illi f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell ma hassritx il-process tas-sejha ghall-offerti, sospiz waqt il-proceduri tal-appell,

Jirrizulta ghalhekk sodisfacentement, almenu sal-livell ta' *prima facie*, illi l-offerenti l-ohra mhux skwalifikati inkluz ir-Rikorrent, kellhom u ghandhom *prima facie* dritt jinsistu illi l-process tas-sejha ghall-offerti jitkompla sa tmiemu fid-dawl tad-decizzjoni tal-Qorti tal-Appell, naturalment kollox soggett ghar-regoli tal-*public procurement* applikabbli ghat-tender partikolari. Dan ma jfissirx li ghax ir-Rikorrent istitwixxa dawn il-proceduri allura ghandu xi dritt aktar mill-offerenti l-ohra, kif daqstant iehor ma jfissirx illi l-Kunsill m'ghandux id-dritt illi jhasssar il-process tat-tender de quo jekk jirrizultaw ic-cirkostanzi kontemplati fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Ligi Sussidjarja 601.03).

Jirrizulta mhux biss li l-Qorti tal-Appell ma hassritx il-process kollu tat-tender in meritu izda jirrizulta *prima facie* illi l-offerta tar-Rikorrent hija konformi mal-kondizzjonijiet tat-tender ghaliex l-unika raguni li l-Kunsill ressaq quddiem il-Qorti ghalfejn iqis li r-Rikorrent m'ghandux jedd x'jivvanta huwa li l-offerta tar-Rikorrent teccedi l-budget ta' €400,000 allokat ghal dan is-servizz. Ma jirrizultax li l-Kunsill huwa korrett f'tali sottomissjoni. Fl-ewwel lok jirrizulta illi skond it-*tender documents* relativi l-offerenti setghu jitfghu offerta f'somma sew anqas kif ukoll aktar mis-somma indikata mill-Kunsill. Fit-tieni lok irrizulta waqt it-trattazzjoni orali tar-rikors illi effettivament anke l-offerta tal-Konsorzju meqjus mill-Kunsill bhala l-"preferred bidder" kienet teccedi s-somma ta' €400,000.

Jirrizulta ghalhekk fuq livell *prima facie* illi r-Rikorrent ghandu jedd x'jipprotegi bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni de quo, il-jedd illi l-offerta tieghu tkompil tigi evalwata fil-process ta' sejha ghall-offerti illi sa issa ghadu in vigore ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi stante li ma giex mhasar mill-Qorti tal-Appell.

Tajjeb jinghad illi jekk il-Kunsill kellu l-hsieb illi jhassar it-tender numru SGN-SSCS 01/20, huwa kien marbut statutorjament illi jsegwi skrupolozament ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku [Ligi Sussidjarja 601.03] u mhux kif ghamel jinjora kompletament l-ezistenza ta' process ghal sejha ta' offerit validu sabiex jibda sejha ghall-offerti gdida. Skeda 16 ta' dawn ir-Regolamenti telenka dawk l-Entitajiet Pubblici Kontraenti li ghalihom japplikaw dawn ir-regolamenti, fosthom il-Kunsilli Lokali.[5]

Appena huwa necessarju jinghad illi process ta' sejha ghall-offerti dwar akkwist pubbliku ta' servizzi b'valur ta' circa €400,000 ma jevaporax fix-xejn semplicement billi fil-minuti ta' laqgha tal-istess Kunsill jinghad illi hemm qbil "li terga' tinhareg sejha pubblika peress li l-Qorti irrevvokat id-decizzjoni tal-PCRB". Kif gia' gie sottolineat *supra* il-Qorti tal-Appell hassret id-decizzjoni tal-PCRB u dik tal-Kunsill izda mhux il-process tat-tender fir-rigward tal-offerti l-ohra kollha. Il-process tat-tender baqa' mhux mittiefes bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Konsegwentement huwa aktar milli evidenti illi jekk il-Kunsill ried ihassar il-procedura kollha tat-tender li sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell kien sospiz, il-Kunsill kien fid-dover statutorju li jsegwi ir-Regolamenti inkorporati fil-Ligi Sussidjarja 601.03 illi tipprovdi fost l-ohrajn kif u meta tista' awtorita' pubblika kontraenti thassar il-process ta' sejha ghall-offerti gia' mibdi. Il-Kunsill ma ghamel xejn minn dan ghaliex erronjament qies illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell thassar il-process kollu tas-sejha ghall-offerti in kwistjoni.

[5] **Skeda 16** - Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-akkwist pubbliku tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ta' mitejn u hamsin elf euro (€250,000)

Skond **Regolament 9** kuntratti pubbliċi meħtieġa minn Kunsilli Lokali[6] għandhom jinħarġu, jiġu amministrati u determinati mill-Kunsilli Lokali mingħajr il-ħtieġa tal-involviment tad-Direttur tal-Kuntratti, u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti inkluż iżda mhux limitat għad-dritt ta' appell.

**Regolament 15** jistipula illi l-awtorita' kontraenti ghandha dritt li thassar ghotja ta' kuntratt f'kull waqt tal-process tas-sejha jew kwotazzjonijiet ukoll wara li jkun gie mhabbar l-offerent maghzul izda f'tali eventwalita' jkun mehtieg illi:

> "(3) Id-deċiżjoni li twassal għall-kanċellament tas-sejħa trid issir bil-miktub u jrid ikun fiha s-sejbiet u r-raġunijiet li wasslu biex din tkun inħarġet.
>
> (4) Kopja ta' din id-deċiżjoni trid tiġi notifikata għand kull min ħa sehem fis-sejħa, li jkollu d-dritt li jwaqqagħha billi jressaq ilment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. L-istess proċedura msemmija fir-regolament 276 għandha tapplika *mutatis mutandis* ukoll għal din il-proċedura.
>
> (5) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell skont il-proċedura mfissra f'dawn ir-regolamenti." [**Regolament 15**]

Ghalhekk jirrizulta sodisfacentement illi l-process tas-sejha ghall-offerti mertu ta' dan ir-rikors ghadu vigenti u jirrizulta, almenu sal-livell ta' *prima facie,* illi l-Kunsill m'ghandux dritt jerga' johrog sejha ghall-offerti meta' sejha ohra ghall-offerti identika ghadha in vigore u mhux konkluza.

Il-Qorti tqis ukoll illi fic-cirkostanzi il-jedd tar-Rikorrent li jkompli jippartecipa fil-process tas-sejha ghall-offerti gia mibdi jigi serjament pregudikat jekk il-Kunsill ma jigiex mizmum milli jibda process iehor identiku

[6] Kunsilli Lokali jinstabu elenkati fi Skeda 3

filwaqt li ghadu in vigore l-ewwel process ta' sejha ghall-offerti ghall-istess servizzi.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi jirrizulaw sodisfacentement l-estremi ghall-akkoljiment tal-hrug tal-mandat mitlub fir-rigward tal-ewwel kappa tar-rikors.

**Direct Order - Servizz ta' Emergenza**

Fit-tieni kappa r-Rikorrent qed jitlob illi l-Kunsill jigi mizmum milli jaghti, jiffirma, jilhaq ftehim, jesegwixxi u/jew jissokta bi kwalunkwe process, inkluz *direct order*, sejha ghal stajjem, sejha ghall-offerti, sejha ghal tender jew xi process iehor ta' public procurement ghal street sweeping and cleaning services gewwa l-lokalita' ta' San Gwann, jew jiffirma xi kuntratti dwar l-istess, jew jippermettu li jsir dan.

Jirrizulta illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2020, fl-ewwel laqgha tal-Kunsill gie deciz ukoll illi "... jintalbu tliet kwotazzjonijiet ghal knis biex jinhareg serviz ta' emergenza. Dawn it-tliet kwotazzjonijiet ma jkunux minn kuntratturi li qed jahdmu bhalissa."

Fir-risposta tieghu il-Kunsill jissottometti illi bil-mandat mitlub ir-Rikorrent qed jezercita forma ta' *arm twisting* fuq il-Kunsill billi qed jitlob li "... jwaqqaf anke s-servizz ta' emergenza fil-lokalita' ta' San Gwann anke jekk irendi l-istess lokalita' bla servizz meta il-knis u t-tindif huwa wiehed mill-funzjonijiet tal-istess Kunsilli Lokali.......jekk kemm-il darba jithalla dan, il-mandat ma jibqax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lill-Kunsilli Lokali milli jezegwixxu s-servizz ta' emergenza biex jaqdi l-funzjonijiet tieghu imposti mil-ligi", tenna l-Kunsill. Argument iehor imressaq mill-Kunsill huwa dak tal-proporzjonalita' tal-pregudizzju fis-sens illi jekk il-mandat jintlaqa' fir-rigward tad-*direct order* il-pregudizzju tal-Kunsill ser ikun ferm akbar mill-pregudizzju tar-Rikorrent jekk it-talba tar-Rikorrent ma tintlaqax.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad mill-ewwel illi tali sottomissjoni hija fattwalment skorretta in kwantu irrizulta waqt is-seduta quddiem il-Qorti illi is-servizz ta' tindif tat-toroq fil-lokalita' ta' San Gwann ghadu qed jinghata u jista' jibqa' jinghata sakemm il-kwistjoni tigi b'mod jew iehor rizolta. Ghalhekk fattwalment ma hemmx stat ta' emergenza dwar tindif tat-toroq fil-lokalita' ta' San Gwann.

Jirrizulta illi fis-27 ta' Ottubru 2020 il-Kunsill kiteb lil certu Christoper Galea, direttur, Monitoring and Support, Local Government Division, fejn filwaqt li bghatlu kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell jinghad hekk fl-email: "Please find attached a decision by the Courts of Appeal. This decision overrides that decision taken by the PCRB. We are now compelled to reissue this tender. For this reason we are requesting authorization to engage a temporary service until a new call is issued and the evaluation is concluded." Issegwi korrispondenza dwar x'ghandu jaghmel il-Kunsill sabiex jitlob tlett kwotazzjonijiet. Ma rrizultat sa issa l-ebda decizzjoni fir-rigward la mill-Kunsill u lanqas mill-Gvern centrali.

Kif rajna il-htiega li tinhareg sejha ghall-offerti gdida hija *prima facie* infondata.

Ghalkemm waqt it-trattazzjoni orali l-Kunsill issottometta illi d-decizzjoni jekk issirx sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-finijiet ta' *direct order* ma tittiehidx mill-Kunsill izda mill-Gvern centrali, minn imkien ma jirrizulta illi l-Kunsill ghandu xi struzzjonijiet mill-Gvern centrali illi sabiex jipprocedi b'tali sejha jeskludi lir-Rikorrent.

Ezaminat il-pjan tal-Kunsill li fis-sejha ghall-kwotazjonijiet ghall-finijiet ta' *direct order* jeskludi *a priori* lir-Rikorrent, tali pjan jista' jitqies fid-dawl tar-

Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku bhala 'black listing'. Il-Kunsill iddikjara waqt is-seduta quddiem il-Qorti illi ma kellu l-ebda motivazjoni ghaliex kien *a priori* qed jeskludi lir-Rikorrent milli jigi kkunsidrat bhala wiehed mit-tlett persuni li jintalbu l-kwotazzjonijiet ghal servizz temporanju tat-tindif tat-toroq tal-lokalita' ta' San Gwann.

Jirrizulta ghalhekk *prima facie* illi b'dan il-hsieb tieghu il-Kunsill qed imur dijametrikament kontra u bi ksur tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku [Ligi Sussidjarja 601.03]. Taqsima VI ta' dawn ir-Regolamenti, intitolata "Eskluzjoni u Blac*k Listing* ta' Operaturi Ekonomici" tipprovdi f'hafna dettal f'liema cirkostanzi tista' awtorita' kontraenti teskludi operatur ekonomiku mill-kuntratti li tkur ser taghti. L-ebda wahda minn dawk ir-ragunijiet hemm elenkati ma tirrizulta f'dan il-kaz, lanqas fuq livell *prima facie.* Inoltre l-istess regolamenti jipprovdu illi f'kaz li operatur ekonomiku jigi *black listed* huwa ghandu jigi formalment notifikat b'tali decizzjoni u minn hemm jiskatta terminu li fih l-operatur ekonomiku eskluz jew *black listed* jista' jappella l-ewwel quddiem il-Bord ta' Revizjoni ta' Kuntratti Pubblici (PCRB) u sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell.

Il-fatt wahdu illi r-Rikorrent gie *black listed* mill-Kunsill, minghajr ma giet segwita l-procedura stabbilita statutorjament, liema procedura l-Kunsill huwa marbut bil-ligi li jsegwi, jirrendi l-pjan tal-Kunsill bhala, almenu sal-livell ta' *prima facie*, agir bi ksur tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Anke hawn, ir-Rikorrent ghandu l-jedd li jitlob il-hrug ta' att kawtelatorju sabiex il-Kunsill jigi mizmum milli jattwa d-decizzjoni li *prima facie* hija bi ksur tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku.

Dwar l-allegazzjoni tal-Kunsill illi agixxa bil-mod kif agixxa sabiex jindirizza allegata emergenza, li kif rajna fattwalment ma rrizultatx, il-Qorti zzid tissottolinea illi anke li kieku ghas-sahha tal-argument kien hemm emergenza fil-lokalita' ta' San Gwann fejn jirrigwarda tindif tat-toroq, tali emergenza ma

ggibx fix-xejn il-jedd tar-Rikorrent li ma jigix *black listed* minn awtorita' pubblika jekk qabel xejn il-Kunsill ma jsegwiex il-procedura stabbilita mir-Regolamenti. Dan apparti l-fatt illi kieku tali emergenza kienet tezisti, kienet tkun emergenza kagunata mill-istess agir tal-Kunsill u mhux minn agir tar-Rikorrent.

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-hrug tal-mandat mitlub huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet li *prima facie* jidher li ghandu r-Rikorrent. Fl-istess hin tqis illi jekk il-Kunsill ma jigiex imwaqqaf milli jezegwixxi decizzjoni li manifestament hija bi ksur tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku, il-pregudizzju tar-Rikorrent ikun ferm akbar mill-pregudizzju li jsofri il-Kunsill jekk it-talba ghall-hrug tal-mandat tintlaqa' tenut kont illi s-servizz ta' tindif tat-toroq ghadu u ser jibqa' ghaddej sakemm il-process tat-tender jigi konkluz.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' r-rikors ta' Owen Borg tat-23 ta' Novembru 2020 u tordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub kontra s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann.

Spejjez a karigu tal-intimati.

Moghti kameralment illum 10 ta' Dicembru 2020

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion**